

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għal applikazzjonijiet 2011

It-Tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa (2008-2013)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 68/04)

Illum qed tiġi mnedija s-sejħa għal applikazzjonijiet "Saħħa – 2011" fi ħdan il-qafas tat-Tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa (2008-2013) ⁽¹⁾

Din is-sejħa għal applikazzjonijiet tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Sejħa għal proposti għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja għal azzjonijiet speċifiċi fil-forma ta' proġetti
- Sejħa għal proposti għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja għal azzjonijiet speċifiċi fil-forma ta' konferenzi
- Sejħa għal proposti għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja għat-tħaddim ta' korpi mhux governattivi u netwerks speċjalizzati (għotjiet operanti)
- Stedina lill-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti għas-sottomissjoni ta' azzjonijiet konġunti

L-iskadenza għal sottomissjonijiet tal-proposti taħt kull sejħa hija is-27 ta' Mejju 2011.

L-informazzjoni kollha, inkluża d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 Frar 2011 dwar l-adozzjoni tal-pjan ħidma għall-2011 għall-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013), u dwar l-għażla, l-għoti u kriterji oħra għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-azzjonijiet ta' dan il-programm ⁽²⁾, huma disponibbli fuq is-sit tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi fl-indirizz li ġej:

<http://ec.europa.eu/eahc>

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi t-Tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013), (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

⁽²⁾ ĠU C 69, 3.3.2011, p. 1.